TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 162/16/F

**Carmen Mallia**

**vs**

**Jade Jewellers**

Illum 26 t'Ottubru, 2016

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-12 ta' Settembru, 2016 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' erbgħin ewro (€40), rappreżentanti prezz ta' arloġġ li kellu l-ħsara għax daħal l-ilma ġo fih u li dan l-arloġġ kellu jkun *waterproof*.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi t-tfal kienu xtrawlha arloġġ bħala rigal li tkun tista' tgħum bih u li malli niżlet fil-baħar bih imtela' bl-ilma u li dan ħadem ftit sa filgħaxija u wara reġa' waqaf, wara li kien għamel xi żewġ drabi oħra ma jaħdimx.

L-intimat issottometta li l-kamin kien tħalla barra ossia meħlus u għalhekk kien daħal l-ilma, u mhuwiex responsabbli għal dawn il-ħsarat.

It-Tribunal, jinnota illi huwa minnu li jista' jkun li r-rikorrenti ħalliet il-kamin barra għax dan ġara wara xi sena, u jekk kien hemm xi opportunita' li seta' jidħol l-ilma, kien jidħol qabel żgur.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888